# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Dionisio magħruf bħala Dennis Busuttil**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Dionisio magħruf bħala Dennis Busuttil,** numru tal-Karta tal-identita' 778752M fejn ġie akkużat li bejn ix-xhur ta' Settembru 2012 u Diċembru 2013 ġewwa dawn il-Gżejjer, f'ħinijiet differenti : -

1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera' ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja

kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel qliegħ għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew Transport Malta;

2. fl-istess dati, lokalitajiet, u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u ċjoe li ħareġ liċenzja numru H545328 li kienet intiża għall-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAR 128 u li nstabet fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAL 879 billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll li xjentement għamul użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;
3. u sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz.

Rat li matul is-seduta tat-8 ta' April 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess

imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 10 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat dott. Mario de Marco tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi l-Prosekuzzjoni f'dan il-każ ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li mill-Uffiċju li l-imputat jiġġestixxi bħala *Insurance Intermediary* tal-kumpanija *Montalto Insurance Agency* kienet ħarġet liċenza tat-triq għall-vettura Escort bin-numru tar-reġistrazzjoni LAR 128 u li kienet stampata fuq id-dokument li jġib in-numru serjali H545327, liema liċenza tat-triq kienet ġiet duplikata u stampata fuq dokument li jġib in-numri serjali H545328.

Irriżulta mix-xiehda ta' PS853 Frankie Saliba li fl-1 ta' Settembru 2012 il-liċenza tat-triq stampata fuq dokument li jġib in-numri serjali H545328 kinet ġiet misjuba mwaħla mhux fuq il-vettura tal-marka Escort bin-numru tar-reġistrazzjoni LAR 128, li suppost li kienet fuqha iżda kienet fuq il-vettura Mistubishi Lancer, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAL879. Evidentement din kienet ħaġa irregolari u ttieħdu proċeduri penali kontra Anthony Tabone u Mark Portelli dwar dan il-każ.

Biss irriżulta wkoll lis-Surġent 853 Frankie Saliba li fit-3 ta' Settembru 2012 huwa kien spezzjona l-vettura Escort bin-numru tar-reġistrazzjoni LAR 128 u rriżulta li din kellha mwaħla l-liċenza tat-triq tagħha proprja li kienet iġġib in-numru serjali H545327. Hawnhekk dan is-Surġent ra biċ-ċar li din il-liċenza tat-triq maħruġa għal din il-vettura LAR 128 kienet ġiet idduplikata. Mill-istħarriġ li sar mill-istess Pulizija irriżulta li dan iċ-ċertifikat idduplikat oriġina mill-Uffiċju mmexxi mill-imputat. Ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni wkoll li għalkemm iċ-ċertifikat li jġib in-numri serjali H545328 kien jikkontjeni fih dettalji dwar vettura li kienet verament teżisti u li kienet liċenzjata, ma kienx possibbli li l-istess ċertifikat ta' liċenzja tat-triq jinħareġ fuq l-istess vettura darbtejn.

Biex din l-azzjoni tkun tista' tirnexxi il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-elementi kollha tar-reati

kontestati. Il-Qorti għalhekk trid tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-fatt din il-liċenza tat-triq duplikata kienet maħruġa (1) mill-imputat u (2) fid-dati inkriminati (u dan peress li r-reati kontestati lill-imputat huma, stando mad-dottrina u ġurisprudenza prevalenti f'Malta u fl-Italja ritenuti bħala reati istantaneji[1]).

Mix-xiehda prodotta jirriżulta a fol 18 is-Surġent tal-Pulizija 853 Frankie Saliba semma li meta kellem lil Mark Portelli, dan qallu li din il-liċenza tat-triq duplikata kien taħielu ta' "Montalto ta' High street, Hamrun, tagħni deskrizzjoni tieghu, qalli wieħed ragel għandu madwar ... years qalli ta statura mhux twila u hekk u mbagħad kompla jgħidli li tagħhielu kemm jinqeda biex ma jkollux dik vojta". Biss minn din ix-xiehda ma jirriżultax kemm dan ir-raġel ta' Montalto ta' High street, Hamrun kellu żmien!

Mark Portelli xehed ukoll a fol 23. Iżda meta ġie biex jidentifika lill-imputat fir-rigward ta' jekk kienx hu l-persuna li kienet tagħtu l-liċenza tat-triq duplikata, dan stqarr li fl-awla ma kienx għarfu għaliex huwa qal li darba waħda kien li mar għandu. B'hekk l-aktar xhud importanti f'dan il-każ ma kienx f'qagħda jindika jekk l-imputat kienx il-persuna li tagħtu d-dokument inkriminat.

[1] Għalkemm hemm ġurisprudenza Taljana li ttenni li l-falz ideoloġiku jista' wkoll jiġi ritenut bħala reat istantaneju b'effetti permanenti.

Fin-nuqqas t'evidenza diretta dwar l-identifikazzjoni tal-persuna li allegatament ħarġet u kkonsenjat lil Mark Portelli d-dokument inkriminat, jifdal għalhekk li din il-Qorti tara jekk tistax tasal għal din il-persuna bħala li kien l-imputat bil-mezz t'evidenza indiretta u ċirkostanzjali. Biss anke hawn il-Qorti għandha ostakolu għaliex ġie pruvat żgur sal-grad tal-probabbli li fl-Uffiċju li l-imputat imexxi fil-Ħamrun bħala *Insurance Intermediary*, huwa ma kienx l-uniku persuna li jaħdem hemmhekk jew li huwa l-uniku persuna attiv fin-negozju tat-tiġdid u ħruġ ta' poloz t'assikurazzjoni u tiġdid tal-liċenzji tat-triq. Fil-fatt kemm mill-istqarrija tal-imputat kif ukoll mix-xiehda ta' David Debono a fol 118 et seq jirriżulta li iben l-imputat ċjoe Oliver Busuttil kien attiv fix-xogħol ta' dak l-Uffiċju u li anke kien awtorizzat minn Montalto Insurance Agency Limited sabiex ibiegħ poloz tal-assikurazzjoni.

Fid-dawl tal-fatt li Mark Portelli ma kienx f'qagħda li, bil-ġurament tiegħu, jikkonferma l-identita tal-imputat bħala dak ir-raġel li tah id-dokument inkriminat, u fid-dawl tal-fatt li l-evidenza indiretta u ċirkostanzjali mhix waħda univoka, din il-Qorti mhix f'qagħda li tgħid lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien l-imputat li ħareġ u kkonsenja dan id-dokument. Il-Qorti temmen li probabbilment hu kien; pero l-grad tal-probabbli ma jistax iwassal lil din il-Qorti biex fuqu ssib ħtija.

*Ikkunsidrat ulterjorment : -*

Iżda jekk dan mhux biżżejjed, *dato ma non concesso* u solament *gratia argomenti*, jekk il-Qorti tikkonċedi li l-imputat kien fil-fatt dak li ħareġ u kkonsenja dan id-dokument, xorta jibqa' l-fatt li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa ħareġ u kkonsenja lil Mark Portelli d-dokument de quo fiż-żmien inkriminat. Din il-Qorti tqis li r-reati kontestati huma reati istantaneji u għalhekk iż-żmien kontestat huwa importanti wkoll li jiġi pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien iż-żmien li fih ġew kommessi r-reati de quo – u b'riferenza għal dak li kkommetta l-imputat personalment a differenza ta' dak li setgħa għamel ħaddieħor bid-dokument inkriminat – dejjem jekk jiġi emnut li kien l-imputat li ħarġu – ħaġa li fil-fehma ta' din il-Qorti ma ġietx soddisfaċentement ippruvata.

Dan qiegħed jingħad għaliex jirriżulta mix-xiedha ta' PS853 li fl-**<u>1 ta' Settembru 2012</u>** id-dokument inkriminat kien diġa jinsab illegalment fuq il-vettura LAL 879. Dan ifisser għalhekk li nħareġ qabel dik id-data jew fiha. Issa d-data inkriminata f'dan il-każ hija bejn "Settembru 2012 u Diċembru 2013". Ma jirriżultax soddisfaċentement ippruvat **<u>meta</u>** Mark Portelli kien inħariġlu u konsenjat lilu dan id-dokument inkriminat.

Mix-xiehda ta' Brian Farrugia a fol 50 et seq jirriżulta li l-assikurazzjoni tal-vettura LAL 879 kienet ġiet reġistrata ossija mġedda f'isem Anthony

Tabone fis-17 ta' Settembru 2012 u mhux f'Diċembru 2011. Din il-vettura jirriżulta li kienet reġistrata assikurata ma' Montalto Insurance Agency Limited għas-sena 2012 kollha.

Mill-banda l-oħra l-liċenza għall-vettura LAR 128 kienet ġiet imħalsa fit-28 ta' Diċembru 2012 għall-perjodu 01/01/2013 sal-31/12/2013. Din pero ma jidherx li kien hemm kontestazzjoni dwarha.

Ġie pruvat ukoll li l-batch taċ-ċertifikati li minnhom kienu jifformaw parti d-dokumenti H545327 u H545328 kienu ingħataw minn Transport Malta lil Dennis Busuttil fl-4 ta' Novembru 2011.

Minn fol. 59 jirriżulta li fit-3 ta' Jannar 2012 persuna bl-ID card 463475M (li mill-entry preċedenti fuq il-lista kien imsemmi li din kienet ta' Mark Portelli) kienet għamlet polza tal-assikurazzjoni ma Montalto Insurance Agency Limited għall-perjodu 01/01/2012 sal-31/12/2012. Biss fid-17/09/2012 inbidel is-sid għal Anthony Tabone bl-id card number 940249M. Inoltre a fol 61 jirriżulta li fil-31 ta' Diċembru 2011 ġiet imġedda l-liċenza għall-vettura LAL 879 u li kienet tkopri l-perjodu 01/01/2012 sal-31/12/2012 u dan id-dokument kien ukoll ġie stampat fl-"2012-9-17 @ 9:32:30" minn ċertu "busud200" u wara s-6 ta' Diċmbru 2012 din il-liċenza kienet ġiet imġedda għall-perjodu 01/01/2013 sa 31/12/2013 u liema ġiet stampata nhar "2013-01-03" ukoll minn "busud200". Biss dawn l-entries ma jirreferux għad-dokument maħruġ

fir-rigward tal-vettura LAR 128 u li hija dik li kienet ġiet duplikata. Mill-banda l-oħra ma jirriżultax li d-dokument inkriminat kien ġie stampat f'xi waħda minn dawn il-ġranet. Li jirriżulta ċar a fol 68 huwa li kemm id-dokument li jġib in-numru serjali H545327 kif ukoll dak H545328 kienu ġew stampati minn "Webgroup Busuttil Ins" u fejn għal Transport Malta l-H545327 jirriżulta li kien ġie stampat, l- H545328 jirriżulta li ma kienx ġie stampat – dejjem għal Transport Malta. Biss anke hawnhekk minn din il-prova ma jirriżultax min kien dak li stampa dan id-dokument u meta stampah.

Informazzjoni oħra interessanti toħroġ mix-xiehda ta' David Debono, li huwa Claims Manager ma Montalto Insurance Agency Limited li a fol 78 et seq jgħid li l-assikurazzjoni għall-vettura LAR 128 għall-perjodu 01/01/2012 sa' 31/12/2012 kienet saret minn Michael Vella nhar id-29 ta' Diċembru 2011. Issa huwa fatt magħruf li meta persuna tmur iġġedded il-polza tal-assikurazzjoni, hija tagħmel dan viċin ukoll ta' meta tkun tiskadilha l-liċenza tat-triq u għalhekk huwa verosimili li min imur iġedded l-assikurazzjoni jagħti wkoll struzzjonijiet lill-assikuratur li jġeddidlu wkoll il-liċenza tat-triq biex ma joqgħodx jieħu l-briga hu. U hekk jidher li kien il-ħsieb ta' Mark Portelli għalkemm jistqarr li huwa ma kellux flus biex iħallas għall-liċenza tat-triq u għalhekk skontu dak ir-raġel ta' Montalto ta' High Street, il-Ħamrun kien taħ id-dokument inkriminat biex jiddobba sakemm ikollu l-flus biex iħallas l-assikurazzjoni. Biss a fol 96 jirriżulta li inħareġ dokument li juri li għas-

sena 2012 Portelli kienet ħallas l-assikurazzjoni fir-rigward tal-vettura LAL879 u li din kienet indikata bħala li seħħet fil-31 ta' Diċembru 2011 u ċjoe **jumejn** wara li kien mar Michael Vella jġedded il-liċenza tal-assikurazzjoni (u l-liċenza tas-sewqan) fl-uffiċju immexxi mill-imputat u fejn kienet inħarġitlu l-liċenza tat-triq korretta bin-numru H-545327. Mill-banda l-oħra a fol 104 jirriżulta li l-polza l-ġdida tal-assikurazzjoni li kienet inħarġet minn Montalto Insurance Agency Limited lil Mark Portelli għall-perjodu 01/01/2012 sa 31/12/2012 kienet iġġib in-numri 023925103001 u li kienet inħarġitlu riċevuta datata 03/01/2012 permezz ta' cash sale ACS 177 141. Dan qiegħed ukoll jingħad għaliex huwa verosimili li jekk l-imputat mar iġedded l-assikurazzjoni għall-perjodu 01/01/2012 sa 31/12/2012 għand l-imputat kien ukoll tkellem miegħu dakinhar dwar il-fatt li huwa ma kellux flus biex iħallas il-liċenza tat-triq. U għalhekk jekk kien l-imputat li ħareġ bit-trovata li joħroġlu d-dokument inkriminat, kien verosimili li għamel dan f'dan il-perjodu bejn id-29/12/2012 u t-03/01/2013 u mhux f'Settembru 2012. F'Settembru 2012 Portelli jirriżulta li kien mar biex jagħmel il-kanċellazzjoni tal-polza tal-assikurazzjoni minn fuqu (fit-12 ta' Settembru 2012) u għalhekk kien mar hemm bejn ħdax u tmint ijiem **wara** li s-Surġent 853 kien sab il-liċenza tat-triq duplikata mwaħla mal-Mitsubishi Lancer li issa kienet saret (jew aħjar kienet ser issir) proprjeta ta' Anthony Tabone. Ma ġiex għalhekk almenu pruvat li d-dokument de quo inħareġ lil Mark Portelli almenu filgħodu tal-1 ta' Settembru 2012.

B'dawn il-provi, din il-Qorti difficilment tista' serenament tikkonkludi mhux biss li kien l-imputat li ħareġ id-dokument inkriminat, iżda li huwa għamel dan li fil-perjodu inkriminat u ċjoe bejn Settembru 2012 u Diċembru 2013. Għal massimu, jekk verament kien l-imputat li ħareġ dan id-dokument (fatt li skont din il-Qorti ma ġiex soddisfaċentement ippruvat) huwa kien ħarġu b'riferenza għall-persuna ta' Mark Portelli f'data speċifika li ma ġietx soddisfaċentement ippruvata u semmai sabiex dan ikun jista' jsolvi l-problemi finanzjarji tiegħu u mhux ta' terzi.

X'għamel minn hemm Mark Portelli bl-istess dokument huwa fatt li jrid iwieġeb għalih Portelli u mhux daqstant l-imputat li, jekk kien hu li ħareġ u kkonsenja dan id-dokument inkriminat għamel dan fir-rigward ta' Mark Portelli li minn dak il-mument sar ukoll responsabbli biex jara x'użu jsir minnu d-dokument inkriminat.

## *DECIDE*

Li fid-dawl ta' dak kollu mistqarr, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 183, 188 u 308 tal-Kodiċi Kriminali qegħda ssib lil **Dionisio sive Dennis Busuttil mhux ħati** tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Mogħtija illum id-29 t'April 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***